# ŻGĦAŻAGĦ FERĦANA

Tidher fi ħbub għajnejkom
daħka ta' ferħ u hena
tinfirex,
bħalma f'lejl sajfi jifrex
ħarstu sabiħa l-qamar
fuq dina l-art u jara
għaddejja tiġri n-nies, u d-dinja siekta
iddur. Hekk intom, żgħażagħ,
quddiem kull dehra tieqfu w-tħarsu,
u bħalma x-xmejxa tbus ħaddejn-il-warda,
hekk il-ferħ jidħak fuq xofftejkom sbejħa.

*

Żgħażagħ ferħana,
kemm nixtieq li l-għanja ta' qalbkom nisma',
nisma' w-nitgħallem.
Kemm nixtieq
li mill-jasar tad-dwejjaq qalbi teħles
u, ferħana w-ħienja,
tgħaddi il-jiem li għad minn fuqha jgerbu.
Għiduli mela, żgħażagħ,
xi tkun il-mewġa
li kull jum nara tħammar lil ħaddejkom?
xi tkun, għiduli d-daħka
li minn ġe' qalbkom tgħaddi tiġri w-tiksi
fommkom ħamrani?

Żmien ili nfittex kif lil qalbi nferraħ,
ja żgħażagħ ħuti.
Ħarist jien bħalkom lejn l-egħlieqi mdella,
ħarist jien bħalkom lejn sema kaħlani,
ma rajtx ħlief dieqa,
ħarist,... tniehedt,... u waħdi bkejt
bħal tifla ltima meta
kull fejn għajnejha ddawwar
ma tarax ħlief il-fakra t'ommha mejta.

Ħarist, niftakar, darba
fuq il-mogħdija twila ta' l-Imħabba,
u b'qalb żagħżugħa ġrejt
nitgħaxxaq bi sbuħitha.
Ġrejt sieket waħdi
fuq trîqtha mwarrda,
u għal bidu ħassejt—kien l-ewwel darba—
nieżel ġe' qalbi jfuħ ifuħ il-balzmu.

U ltqajt ma' ward b'kull lewn u fwieħa,....
xtaqt minnu naqta',....
ferħan ersaqt, u mriegħda jdejja meddejt,
iżda kemm bkejt
xħin ma' xewket iz-zokk niggżit subajja;
u mal-ħass ta' weġgħa taħraq tlaqt il-warda
u nibki ħriġt mill-Qasam ta' l-Imħabba.

Hekku, din hija ħajti:
Għaddew il-jiem 'ma dejjem għixt fin-niket,
għaddew ix-xhur 'ma dejjem qalbi tnehdet.

* * *

Żgħażagħ ferħana,
ta' kull jum id-daħka
nara 'l għajnejkom tħammar.
Semmgħuni mela
l-għanja sabiħa li hemm fikom tfawwar
ħa tibda wkoll qawwija fija tidwi
*l-għanja tal-ferħ u l-hena*

ĠUŻI CHETCUTI